MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2012

Talba Numru. 677/2009

**Talba Nru: 677/2009VGD**

GO p.l.c. (C22334).

Vs

Gordon Mohnani (Id. 397064M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u tletin Ewro u erba' u tmenin centezmu (€1630.84) minghand il-konvenut in konnessjoni mas-servizz ta' *analogue leased lines* bin-numri S/C7287 u S/C7367. U minkejja li gie interpellat sabiex ihallas diversi drabi, l-konvenut baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa illi huwa qieghed jikkontesta t-talbiet attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt; illli l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici mhux dovut u huwa eccessiv; illi s-socjeta' attrici unilateralment ziedet ir-rati minghajr ma infurmat lill-konvenut; u illi l-konvenut sar jaf aktar minn sena wara li zdiedu r-rati meta wasal l-ewwel kont wara aktar minn sena wara li s-servizzi gew maqtugha. Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema x-xhieda ta' Alison Beach prodotta mis-socjeta' attrici.

Sema x-xhieda ta' Ian Agius prodott mis-socjeta' attrici.

Sema x-xhieda tal-konvenut Gordon Mohnani.

Ra d-dokumenti kollha li gew pprezentati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi l-fatti fil-qosor li jirrigwardaw dan il-kaz huma s-segwenti:-

Il-konvenut kien applika ghas-servizz ta' zewg 'Leased Lines' fis-sena elfejn (2000), u kien beda jinghata dawn is-servizzi minn meta kien applika ghalihom. Sussegwentement fis-sena 2004, u partikolarment f'Ottubru ta' din is-sena, s-socjeta' attrici kienet inghatat l-awtorizzazzjoni minn-naha tal-Malta Communications Authority, sabiex izzid it-tariffi fir-rigward ta' dawn is-servizzi partikolari tal-Leased Lines, u kienet gharfet il-pubbliku b'dawn it-tariffi l-godda kemm permezz ta' publikazzjoni fuq il-website taghha, kif ukoll permezz ta' hrug ta' ittra f'dan is-sens, li giet mibghuta lill-klijenta kollha taghha li kienu qedin jaghmlu uzu minn dawn is-servizzi, u anki permezz ta' publikazzjoni fuq zewg gazzetti lokali. Ir-rati l-godda mbaghad dahhlu fis-sehh f'Dicembru tas-sena 2004.

Illi l-konvenut minn-naha tieghu jaccetta li huwa kien applika u jaghmel uzu miz-zewg Leased Lines fuq imsemmija, izda jsostni li meta applika ghal dawn il-linji, huma kellhom tariffi partikolari, u li huwa sar jaf biss bir-rati l-godda f'Jannar tas-sena 2006. Skond hu r-rati l-godda kienu ferm ezagerati u malli induna bihom, huwa ttermina s-servizzi minnufieh, u rrifjuta li jhallas l-kontijiet il-godda. Skond hu, qatt ma rcieva l-ebda ittra minn-naha tas-socjeta' attrici dwar ir-rati l-godda u qatt ma sar jaf li kienu ser jizdiedu dawn ir-rati.

Illi tenut dan kollu in konsiderazzjoni, t-Tribunal jidhirlu li ma hemm l-ebda dubbju dwar l-uzu tas-servizzi tas-socjeta' attrici minn-naha tal-konvenut, u lanqas ma hemm dubbju li l-istess socjeta' attrici mxiet kif kellha timxi billi akkwistat l-awtorizzazzjoni minn-naha tal-Malta Communications Authority sabiex tgholli t-tariffi taghha, u anki sabiex tavza l-pubbliku dwar dan it-tibdil fit-tariffi.

Il-fatt li ghal xi raguni l-konvenut ma sarx jaf b'dawn ir-rati l-godda ma jfissirx li dawn mhumiex dovuti. Wara kollox anki jekk fl-ghar ipotezi l-konvenut ma rceviex l-ittra mibghuta lilu dwar it-tibdil fit-tariffi, xorta wahda kien hemm l-avvizi pubblici dwar dan it-tibdil, u ghalhekk is-socjeta' attrici uzat il-mezzi kollha ghad-dispozizzjoni taghha sabiex tavza l-klijenti taghha dwar it-tibdil, u ghalhekk minn-naha taghha dak kollu li kellu jsir u seta' jsir fil-fatt sar. Il-fatt li l-konvenut ghal xi raguni ma ndunax b'dawn l-avvizi jew ma ghadx attent ghalihom bl-ebda mod ma jfisser li m'ghandux ihallas dak dovut minnu.

Illi huwa minnu li minhabba xi problemi fis-sistemi tas-socjeta' attrici, l-konvenut ircieva l-kont bir-rati l-godda xi sena wara li fil-fatt inbiddlu r-rati. Dan ukoll pero xorta wahda ma jezonerax lill-konvenut mill-fatt li l-ammont mitlub minnu huwa dovut ghaliex seta' kien jaf mill-ewwel li t-tariffi kienu nbiddlu, u seta' waqqaf is-servizz minn dakinhar li saru l-avvizi pubblici. Il-fatt li baqa jaghmel uzu mis-servizzi jwassal ghall-fatt li l-kontijiet issa jridu bilfors jithallsu minnu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijet tal-konvenut u jilqa t-talba attrici billi jikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, sitt mija u tletin Ewro u erba' u tmenin centezmu (€1630.84), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------